# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 408/01mm**

**Rimus Trading Agency Limited**

**vs**

**Josephine Nind**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u dsatax-il lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm519.28) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-bonarja datata 13 ta' April, 2001, u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-30 ta' Marzu,2001, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-18 ta' Gunju, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.